# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti ta' l-14 -il laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2015, fil-5.45 p.m.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assenti) |
| | Is-Sur Anthony Gatt |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **<u>L-Uffiċċjal</u>** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għall-erbatax -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti Dott. Francesca Zarb, is-Sur Anthony Gatt u s-Sinjura Helen Montebello.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm preżenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 13**

   Il-minuti tat-13 -il laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sur Anthony Gatt ssekonda u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

Rigward Triq Brigella s-Segretarju irrapporta li sar *patching* ta' xi ħofor iżda għad fadal ħafna xogħol xi jsir. Pero' l-Kunsill ta' Birkirkara huwa konxju tal-problema u se jara x'jista' jsir.

4. **Follow up ta' Ġieħ Fleur de Lys.**

Iċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb qalet li s-serata marret tajjeb u ppreżentat l-ispejjeż li ma qabżux il-baġit allokat. Hija talbet lis-Segretarju jieħu ħsieb li jingħata rikonoxximent lil min għen.

Is-Sur Anthony Gatt qal illi għall-attivita' li jmiss għandna nagħmlu iktar pubbliċita' ħalli jkun hemm aktar konkorrenza u interess.

Is-Sinjura Helen Montebello tixtieq illi darba oħra ż-żmien meta wieħed jista' jinnomina lil xi persuni għal Ġieħ Fleur de Lys jiftaħ aktar kmieni.

Kien hemm qbil li dawn l-kunsiderazzjonijiet jittieħdu *on board* għall-edizzjoni li jmiss.

*5. Matters Arising*

Iċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb irrappurtat bankini fi stat ħażin fi Triq il-Qarċilla. Is-Segretarju ħa nota ta l-ilment.

Is-Sur Anthony Gatt qal li hemm bżonn isir xi ħaġa dwar problemi ta' traffiku fi Triq il-Quċċija ma' Triq Brigella. Is-Segretarju ħa nota sabiex din it-tema tittella' quddiem l-ADT.

6. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiccat fis-6.30 p.m u ġiet aġġornata *sine die* għal wara l-festi tal-Milied.

Dott. Francesca Zarb
Chairperson

Neil Spiteri
Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv